Il-Kummissjoni Ewropea

# IT-TRIQ MINN RUMA

## UNJONI LI TKUN KBIRA FIL-KWISTJONIJIET IL-KBAR U ŻGĦIRA F'DAWK ŻGĦAR

60 ROME



*"Iva, jien favur li jkun hemm Ewropa aktar b'saħħitha f'ċerti oqsma. Iżda ma nemminx li għandu jkun hemm aktar Ewropa sempliċiment biex ikun hemm aktar Ewropa.* ***Irrid Ewropa aħjar. Ewropa li tkun kbira fil-kwistjonijiet il-kbar u żgħira f'dawk żgħar.*** *Meta nsir President tal-Kummissjoni li jmiss se naħdem biex nagħmel preċiżament dan. Dan ifisser li ma nibqgħux nirregolaw kull kantuniera u kull aspett tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħna."*

*Jean-Claude Juncker, id-19 ta' Mejju 2014*

Il-Kummissjoni Juncker tiffoka fuq ġabra ċentrali ta' għaxar prijoritajiet ta' politika. Dan l-approċċ ifisser li l-Ewropa taġixxi biss fejn l-UE żżid il-valur, u li kwistjonijiet oħra jitħallew għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

Il-kisba tar-riżultati fejn huma l-aktar meħtieġa jitlob mill-Istituzzjonijiet tal-UE li dawn jaħdmu flimkien mill-qrib b'mod partikolari meta jiġu għall-proċess leġiżlattiv. Huwa għalhekk li aħna impenjajna ruħna li kull sena nilħqu qbil dwar għadd ta' proposti għal trattament ta' prijorità fil-proċess leġiżlattiv. L-ewwel Dikjarazzjoni Konġunta li qatt saret dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tagħna għall-2017 kienet iffirmata mit-tliet Istituzzjonijiet tal-UE fit-13 ta' Diċembru 2016.

**Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma:**

*"Ser naħdmu flimkien f'livell li jwassal għal differenza reali, kemm jekk ikun fil-livell tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'dak nazzjonali, reġjonali, u lokali u fi spirtu ta' fiduċja u kooperazzjoni leali, kemm fost l-Istati Membri kif ukoll bejnhom u l-istituzzjonijiet tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ser inħallu l-ispazju meħtieġ għal manuvrar fid-diversi livelli sabiex insaħħu l-potenzjal tal-Ewropa għall-innovazzjoni u t-tkabbir.* ***Irridu li l-Unjoni tkun influwenti fuq kwistjonijiet kbar u inqas fuq kwistjonijiet żgħar****.. Ser nippromwovu proċess demokratiku, effettiv u trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet u twettiq aħjar."*

Kif imfisser fil-**White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**, ir-riforma tal-Kummissjoni tal-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat li tiżgura li 90% tal-miżuri kollha ta' Għajnuna mill-Istat ikun f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, hija eżempju ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-aktar livell xieraq. Li nkunu kbar fl-affarijiet il-kbar tfisser ukoll li l-Kummissjoni ma għadhiex tirregola l-bottijiet taż-żejt jew iż-żennuni tax-xawers, iżda tikkonċentra minglok fuq dak li nistgħu nagħmlu aħjar flimkien pjuttost milli waħedna.
- bħal ma huma l-ħidma rigward il-kriżi tar-refuġjati, it-tħaris tal-fruntieri esterni tagħna, jew it-tmexxija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Dan l-approċċ huwa fil-qalba tal-**Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni**, li tiżgura wkoll li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi vverifikata b'mod regolari sabiex isir magħruf kemm għadha tiswa għall-iskopijiet tagħha, u sabiex titħassar leġiżlazzjoni li jkun għadda żmienha.

NA-01-17-266-MT-N

### Numru ta' proposti leġiżlattivi matul l-2011-2015

PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI




### In-numri tar-regolamentazzjoni aħjar, 2015-2017

| INIZJATTIVI TA' PRIJORITÀ | PROPOSTI GĦALL-IRTIRAR |
|---|---|
| 100 (2014); 23 (2015); 23 (2016); 21 (2017) | 109 (2015-2017) |
| **LIĠIJIET IMĦASSRA** | **INIZJATTIVI TA' SIMPLIFIKAZZJONI REGOLATORJA** |
| 48 (2015-2017) | 137 (2015- 2017) |

## IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker se jkomplu jiffurmaw il-bażi tal-Programmi ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni.

- SPINTA ĠDIDA GĦALL-IMPJIEGI, IT-TKABBIR U L-INVESTIMENT
- SUQ UNIKU DIĠITALI KONNESS
- UNJONI TAL-ENERĠIJA REŻILJENTI B'POLITIKA DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA LI TĦARES 'IL QUDDIEM
- UNJONI TA' BIDLA DEMOKRATIKA
- LEJN POLITIKA ĠDIDA DWAR IL-MIGRAZZJONI
- SUQ INTERN AKTAR PROFOND U ĠUST B'BAŻI INDUSTRIJALI MSAĦĦA
- UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA AKTAR PROFONDA U AKTAR ĠUSTA
- FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES RAĠONEVOLI U BBILANĊJAT MAL-ISTATI UNITI
- ATTUR GLOBALI AKTAR B'SAĦĦTU
- ŻONA TA' ĠUSTIZZJA U TA' DRITTIJIET FUNDAMENTALI BBAŻATI FUQ IL-FIDUĊJA REĊIPROKA

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-2016, huwa pass sinifikanti 'il quddiem fil-kultura ta' regolamentazzjoni aħjar.

It-tliet Istituzzjonijiet tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE) issa qegħdin jaħdmu flimkien aħjar biex jiksbu r-riżultati rigward prijoritajiet leġiżlattivi maqbula abbażi ta' Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Prijoritajiet għall-2017, iffirmata mill-Presidenti tagħhom. Fil-livell politiku, l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta se tkun sorveljata b'mod konġunt u regolari permezz ta' laqgħat bejn il-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet, f'Marzu, Lulju u Novembru 2017.

**Qegħdin nisimgħu liċ-ċittadini** u lill-partijiet interessati matul il-proċess kollu ta' politika - permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, il-Pjattaforma REFIT (Adempjatezza Regolatorja), il-portal web "Ħaffef il-piż", kif ukoll id-Djalogi maċ-Ċittadini.

**L-Evalwazzjonijiet ta' Impatt** issa jistgħu jsiru mhux biss fil-bidu tal-proċess tat-tfassil tal-politika iżda wkoll meta tiġi emendata l-proposta tal-Kummissjoni

**Bord Regolatorju ta' Skrutinju indipendenti** jservi ta' garanzija għall-kwalità tal-ħidma tal-Impatt tal-Evalwazzjoni

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà jissaħħaħ billi **jinstema' aktar leħen il-Parlamenti Nazzjonali**. Saru aktar minn 400 żjara mill-Kummissarju lill-parlamenti nazzjonali.

ISBN 978-92-79-67070-1
doi:10.2775/65851